MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru 348/1999

**Il-Pulizija**
**(Sp. Abraham Zammit)**

**vs**

**Veronica Caruana mwielda fil-11.10.66,**
**Mart Gerald u bint missier mhux maghruf**
**u Alfrida Theuma mwielda Pieta' u toqghod**
**33, Manuel Buhagiar Str, Tarxien,**
**detentur tal-karta ta' l-identita'**
**bin-numru 19567 (M).**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmija Veronica Caruana li giet akkuzata talli fit-8.3.99 ghall-habta ta' 8.30 a.m. hdejn l-Iskola Primarja ta' Rahal Gdid volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor

mobbli jew immobbli fuq vettura No. HAP 641 tal-marka Vox Wagen liema hsara tammonta ghal Lm 46, kif ukoll ghamlet hsara fin-nuccali liema hsara tammonta ghal Lm 57 ghad-dannu ta' Margerit urry liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira, (b) kif ukoll fl-istess hin, post u cirkostanzi hebbet b'oggett iebes ghal Margerit Urry u kkagunatilha feriti ta' natura hafifa kif iccertifika Dr Anthony Gatt minn St Luke's Hospital.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika Art 383 tal-kap 9.

Ikkunsidrat

Illi din hija sfortunatament glieda klassika li tinqala' bi skuza tat-tfal li warajha jkollha gheruq ohrajn li jigu sfogati b'dan il-mod. Zgur dak li gara min-naha ta' zewg nisa nvoluti ma jaghti ebda ezempju tajjeb u ta' nies civilizzati lil uliedhom li huma t-tnejn tant jidhru li jridu jipprotegu.

Li rrizulta li dawn it-tnejn min-nisa Urry u l-akkuzata t-tnejn sofrew griehi ta' natura hafifa, tant li fil-kaz ta' Urry Dr Anthony Gatt, u anke jekk fuq suggeriment tad-Difiza, wasal biex jghid li ma tantx hemm distinzjoni bejn griehi slight u slight of small consequence, griehi li jghaddu malajr. Gew esebiti certifikati medici dwar dan kif ukoll certifikati dwar il-hsara li allegatament l-akkuzata ghamlet fuq il-vettura ta' Urry.

Jibqa' li jigi deciz min assala lil min l-ewwel. Jezistu zewg verzjonijiet diametrikament opposti ta' min kien il-principjes ta' dan ir-reat. Li hu zgur hu li l-verzjoni ta' Caruana hi ftit dghajfa li trid li titwemmen li hi fil-pozizzjoni ta' vantagg, la kienet barra mill-karozza, trid li titwemmen li hi giet allokata tant li ma setghax tinqala'. Hu zgur li min qieghd bil-qieghda f'karozza huwa zvantaggat komparat ma' min jinsab bil-wieqfa barra, fil-fatt min qieghed imsakkar gewwa la ghandu l-vantagg tal-manuvra libera u wisq anqas li jiskappa. Ghalhekk il-Qorti ssibha difficli temmen li Caruana mill-pozizzjoni taghha kienet qed tigi attakkata u ma setghatx tiskappa l-attakk.

Ghaldaqstant taqta’ u tiddeciedi billi ssib lil Caruana hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti kontra taghha wara li rat l-artikoli 221, 325 tal-Kap 9 (in vista tal-griehi minhabba ix-xhieda ta’ Dr Gatt gia riprodotta). Rat il-fedina penali taghha li hija netta, tilliberaha milli taghmel reat iehor fi zmien tliet xhur mil-llum ai termini ta’ l-artikolu 9 tal-Kap 152.

--------------------------------TMIEM--------------------------------